

31994R1756

19.7.1994

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 183/9

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1756/94
tat-18 ta' Lulju 1994

li jiftaħ il-kwoti kwantitattivi ta' l-importazzjoni għal prodotti tat-tessuti fil-kategoriji 122, 123, 124, 125 B, 140 u 146 ġi mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u li jemenda l-Annessi IV u V tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 517/94 dwar regoli komuni għall-importazzjonijiet ta' prodotti tat-tessuti minn ċerti pajjiżi terzi

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 517/94 tas-7 ta' Marzu 1994 dwar regoli komuni għall-importazzjonijiet ta' prodotti tat-tessuti minn pajjiżi terzi mhux koperti minn ftehim, protokoll jew arranġamenti oħra bilaterali, jew b'regoli oħra speċifiċi tal-Komunità dwar l-importazzjoni⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 3(3) u 3 (5) ta' dan b'rabta ma' l-Artikolu 25(4) ta' dan,

Billi l-Artikolu 3(3) tar-Regolament (KE) Nru 517/94 jipprovdli li l-prodotti tat-tessuti mniżżla fl-Anness V li jorġinaw fil-pajjiżi elenkti jistgħu jkunu impurtati biss jekk limitu kwantitattivi annwali jkun għie ffissat skond il-proċedura xierqa kif provduta fl-Artikolu 25;

Billi saret talba lill-Kummissjoni minn sitt Stati Membri għall-introduzzjoni ta' kwoti ta' importazzjoni li jkopru prodotti fil-kategoriji 122, 123, 124, 125 B, 140 u 146 ġi mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina biex ilaħħqu ma' ċerti domandi tas-suq; billi l-kumitat imwaqqaf bl-Artikolu 25 qies, wara diskussjoni, li jkun xieraq fid-dawl ta' l-istat ta' l-industrija tal-Komunità li jiddeċiedi fuq 130, 5, 600, 8, 100 u 270 tunnellata rispettivament bħala l-limiti kwantitattivi annwali li għalihom importazzjoni fil-Komunità ta' prodotti f'kategoriji 122, 123, 124, 125 B, 140 u 146 C li jorġinaw fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina jkunu soġġetti mid-data li fiha dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ; billi għalhekk huwa meħtieġ li jkunu emendati l-Annessi IV u V tar-

Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 517/94 u jkun stipulat, fl-interessi ta' sigurtà legali li l-kwota tkun amministrata skond il-proċedura kif imniżżla fl-Artikolu 17 ta' l-imsemmi Regolament tal-Kunsill;

Billi dawn il-miżuri huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 517/94,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Importazzjoni fil-Komunità ta' prodotti tat-tessuti fil-kategoriji 122, 123, 124, 125 B, 140 u 146 ġi mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għandhom ikunu soġġetti għal limiti kwantitattivi annwali ta' 130, 5, 600, 8, 100 u 270 tunnellata rispettivament li jkunu amministrati skond il-proċedura provduta fl-Artikolu 17 ta' Regolament tal-Kunsill Nru 517/94.

Artikolu 2

L-Annessi IV u V tar-Regolament tal-Kunsill Nru 517/94 għandhom ikunu emendati kif muri fl-Anness f'dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikkazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jaapplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-18 ta' Lulju 1994.

Għall-Kummissjoni

Leon BRITTAN

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 67, ta' l-10.3.1994, p. 1.

ANNESS

“ANNESS IV

Limiti kwantittativi annwali tal-komunita msemmija fl-Artikolu 3 (1)

(Id-deskrizzjonijier tal-prodott tal-kategoriji elenkti f'dan I-Anness jinsabu f'Anness IA ta'dan ir-Regolament)

ĊINA

Kategorija	Unità	Kwantita
ex 13 (1)	1 000 biċċa	150
ex 18 (1)	tunnellata	98
ex 20 (1)	tunnellata	10
ex 24 (1)	1 000 biċċa	120
ex 39 (1)	tunnellata	10
ex 78 (1)	tunnellata	3
115	tunnellata	450
117	tunnellata	450
118	tunnellata	950
120	tunnellata	63
122	tunnellata	130
123	tunnellata	5
124	tunnellata	600
125B	tunnellata	8
ex 136 (1) (?)	tunnellata	285
140	tunnellata	100
146C	tunnellata	270
156	tunnellata	760
157	tunnellata	5 400
159	tunnellata	3 020
160	tunnellata	30
161	tunnellata	10 777

(1) kategoriji mmarkati b"ex' ikopru prodotti lim'humix dawk tas-suf jew eagar fin, tajjar materjal tat tessuti sintetiku jew artifiċjali.

(2) Din il-kategorija tkopri biss drapp minsuġ u prodotti oħra tal-ħarir li m'humix dawk mhue ibbliċjati, magħrukin jew ibbliċjati li jaqgħu taħt il-kodiċijer NM 5007 20 19, 5007 20 34, 5007 20 39, 5007 20 41, 5007 20 59, 5007 20 61, 5007 20 69, 5007 20 71, 5007 90 30, 5007 90 50, 5007 90 90.

ANNESS V

msemmi fl-Artikolu3 (3)

(Id-deskrizzjonijier tal-prodott tal-kategoriji elenkti f'dan I-Anness jinsabu f'Anness I A ta' dan ir-Regolament)

ĊINA

Kategoriji: 121, 125A, 126, 127A, 127B, 133, 137, 141, 145, 146A, 146B u 151B.”